



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0228/2017**

21.6.2017

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 (COM(2016)0745 – C8-0501/2016 – 2016/0368(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Karima Delli

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	8
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	9
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	9



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 (COM(2016)0745 – C8-0501/2016 – 2016/0368(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0745),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0501/2016),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' Marzu 2017<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0228/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 2**

---

<sup>1</sup> ĠU C ... / Għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Sabiex jindaf u jitnaqqas il-volum tal-acquis leġiżlattiv, jeħtieġ li dan jiġi analizzat regolarment u li tiġi identifikata l-leġiżlazzjoni skaduta. It-tħassir tal-leġiżlazzjoni skaduta hija utli għaż-żamma ta' qafas leġiżlattiv trasparenti, ċar u faċli biex jintuża mill-Istati Membri u **għall-partijiet** ikkonċernati rilevanti, f'dan il-każ **is-settur** tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

*Emenda*

(2) Sabiex jindaf u jitnaqqas il-volum tal-acquis leġiżlattiv, jeħtieġ li dan jiġi analizzat regolarment u li tiġi identifikata l-leġiżlazzjoni skaduta. It-tħassir tal-leġiżlazzjoni skaduta hija utli għaż-żamma ta' qafas leġiżlattiv trasparenti, ċar u faċli biex jintuża mill-Istati Membri u **l-partijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u** tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa propost it-tħassir tal-atti leġiżlattivi kemm fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni kif ukoll tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Dan għandu jiġi rifless fit-test tal-premessa.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament  
Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 1101/89 fl-1989. Għaxar snin wara, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 718/1999 sabiex jiġi żgurat li l-għodod adatti jibqgħu jkunu għad-dispożizzjoni tas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u għall-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta. Dak ir-Regolament kien ikopri l-istess suġġett bħal dak tar-Regolament (KEE) Nru 1101/89, mingħajr ma jħassar dan tal-aħħar.

*Emenda*

(3) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 1101/89 fl-1989. Għaxar snin wara, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 718/1999, **kif emendat mir-Regolament (UE) Nru 546/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>**, sabiex jiġi żgurat li l-għodod adatti jibqgħu jkunu għad-dispożizzjoni tas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u għall-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta. Dak ir-Regolament kien ikopri l-istess suġġett bħal dak tar-Regolament (KEE) Nru 1101/89, mingħajr ma jħassar dan tal-aħħar.

---

<sup>1a</sup> **Regolament (UE) Nru 546/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità**

*tal-flotta tal-Komunità biex jiġi  
ppromwovut it-trasport bil-passaġġi fuq l-  
ilma interni (ĠU L 163, 29.5.2014, p. 15).*

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament Nru 546/2014 introduċa s-suġġett kopert mir-Regolament Nru 1101/89 li  
tħassar. Għalhekk huwa utli li jsir riferiment għar-Regolament Nru 546/2011 fil-premessa.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### Il-qafas ġenerali

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni affermaw mill-ġdid l-impenn komuni tagħhom li jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġislazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

Sabiex jitnaddaf l-acquis leġislattiv u jitnaqqas fil-volum, jeħtieġ li dan jiġi analizzat b'mod regolari u tiġi identifikata l-leġislazzjoni skaduta. It-tfassir ta' leġislazzjoni skaduta jippermetti ż-żamma ta' qafas leġislattiv trasparenti, ċar u li jkun faċli li jintuża mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, f'dan il-każ is-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

### Is-sugġett

Ir-Regolament (KEE) Nru 1101/89 jipprevedi dispożizzjonijiet fil-qasam tat-titjib strutturali tal-ilma interni għall-flotot li joperaw fuq in-netwerk tal-passaġġi navigabbli interkonnessi tal-Belġju, Franza, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija. L-għan tar-regolament kien li jitnaqqsu l-kapaċitajiet żejda tal-flotot fl-ilma interni b'azzjonijiet ta' skreppjar ta' bastimenti kkoordinati fil-livell Komunitarju. Ir-regolament sar bla effett mid-29 ta' April 1999 meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 718/1999.

Ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000 stabbilixxa t-tqassim, bejn l-Istati Membri tal-Komunità, ta' kwoti għal vetturi li jgħorru tagħbijiet tqal li l-Komunità rċeviet mill-Isvizzera għas-snin 2001 sal-2004. Peress li mill-2005, ma hemmx aktar bżonn li jitqassmu l-kwoti bejn l-Istati Membri, ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000 skada u għandu jitħassar.

Ir-Regolament (KE) Nru 685/2001 jiddefenixxi r-regoli li għandhom jiġu applikati għat-tqassim bejn l-Istati Membri tal-awtorizzazzjonijiet li huma għad-dispożizzjoni tal-Komunità skont il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport ikkombinat. Ir-Regolament huwa skadut peress li l-Bulgarija u r-Rumanija ssieħbu mal-Unjoni.

### L-opinjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur evalwat il-proposta u tirrakkomanda l-appoġġ tat-tfassir tar-Regolament (KEE) Nru 1101/89, tar-Regolament (KE) Nru 2888/2000 u tar-Regolament (KE) Nru 685/2001, hekk kif propost mill-Kummissjoni.

*Il-Kunsill jipproponi wkoll l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, iżda introduċa żewġ emendi fil-premessi li jtejbu t-test. Ir-rapporteur tipproponi dawn iż-żewġ bidliet bħala emendi tal-PE. Jekk dawn iż-żewġ bidliet jiġu adottati mill-Parlament, il-Kunsill ikun jista' jadotta l-pożizzjoni tal-PE fl-ewwel qari mingħajr emendi. Dan jippermetti li jiġu evitati t-trilogi.*



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001
<b>Referenzi</b>	COM(2016)0745 – C8-0501/2016 – 2016/0368(COD)
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	29.11.2016
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 12.12.2016
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 12.12.2016
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ITRE 12.1.2017
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Karima Delli 12.4.2017
<b>Eżami fil-kumitat</b>	30.5.2017
<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.6.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 38 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Andor Deli, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Dieter-Lebrecht Koch, Merja Kyllönen, Miltiadis Kyrkos, Peter Lundgren, Marian-Jean Marinescu, Georg Mayer, Gesine Meissner, Cláudia Monteiro de Aguiar, Jens Nilsson, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poreba, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Jill Seymour, Claudia Țapardel, Pavel Telička, Wim van de Camp, Janusz Zemke, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jakop Dalunde, Bas Eickhout, Maria Grapini, Karoline Graswander-Hainz, Franck Proust, Evžen Tošenovský
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Susanne Melior, Roberta Metsola
<b>Data tat-tressiq</b>	21.6.2017

### VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

38	+
ALDE	Izaskun Bilbao Barandica, Gesine Meissner, Dominique Riquet, Pavel Telička

ECR	Jacqueline Foster, Tomasz Piotr Poręba, Evžen Tošenovský, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
EFDD	Daniela Aiuto, Peter Lundgren
ENF	Georg Mayer
GUE/NGL	Merja Kyllönen
PPE	Georges Bach, Deirdre Clune, Andor Deli, Dieter-Lebrecht Koch, Marian-Jean Marinescu, Roberta Metsola, Cláudia Monteiro de Aguiar, Markus Pieper, Franck Proust, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Wim van de Camp
S&D	Lucy Anderson, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Maria Grapini, Karoline Graswander-Hainz, Miltiadis Kyrkos, Susanne Melior, Jens Nilsson, Janusz Zemke, Claudia Țapardel
Verts/ALE	Michael Cramer, Jakop Dalunde, Bas Eickhout

<b>1</b>	<b>-</b>
EFDD	Jill Seymour

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni